MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 917/2006

Mario Said (Id. 276539M)

Vs

UCIM Co. Limited (C 34235) u Pater Holdings Company Limited (C 3334)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur ippremetta li fit-tlettax (13) ta' Gunju 2005 is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom gew ingaggjati mill-atturi sabiex jwettqu 'service' fuq il-karozza tal-ghamla Alfa Romeo 156 2.0 TS bin-numru ta' registrazzjoni LIZ-001 proprjeta' tal-attur u in oltre kienu gew ingaggjati ukoll sabiex ibiddlu is-switch tal-oil pressure, iz-zejt u xi filter; illi sussegwentement ghal dan ix-xoghol, il-karozza msemmija ddahlet hafna drabi ohra ghand is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom (senjatament fit-tmienja (8) ta' Awissu 2005, fl-ghaxra (10) ta' Ottubru 2005, fil-tlieta (3) ta' Jannar 2006 u fit-tletin

(30) ta’ Jannar 2006) sabiex tissewwa u dana dejjem bi hsara in konnessjoni ma xogholijiet li kienu saru mis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom fit-tlettax (13) ta’ Gunju 2005; illi l-ahhar darba illi l-attur dahhal il-karozza tieghu ghat-tiswija kien fit-tnax (12) ta’ Gunju 2006 u sussegwentement ghal dan, u senjatament fl-erbgha (4) ta’ Lulju 2006 rcieva stima ta’ Lm1664.31 u dana sabiex l-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom isewwu l-imsemmija karozza; illi d-danni ta’ Lm1664.31 li gew ikkagunati lill-imsemmija karozza gew ikkagunati sforz in-negligenza u l-imperizja li wrew is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom f’din il-kwistjoni; illi alavolja d-danni jammontaw ghal Lm1664.31 ai fini ta’ kompetenza, l-ammont mitlub mill-attur se jkun ta’ Lm1500. Ghaldaqstant l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ammont ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500) bl-imghax u l-ispejjes skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjetajiet konvenuti li eccepew 1. illi preliminarjament, in kwantu s-socjeta’ UCIM Co. Limited , hija m’hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur; 2. illi subordinatament u bla pregudizzju, fil-mertu u in kwantu z-zewg socjetajiet konvenuti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-istess socjetajiet konvenuti ma kkawzaw l-ebda hsara fil-vettura in kwistjoni, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; 3. illi b’referenza ghall-ahhar paragrafu qabel dan, jinghad illi l-hsara lamentata mill-attur giet ikkawzata mill-istess attur, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema x-xhieda tal-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Arthur Naudi Manche’ prodott mis-socjetajiet konvenuti.

Ra n-nota ta’ sottmissjonijiet tal-attur.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet konvenuti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur qieghed ifittex is-socjetajiet konvenuti ghad-dannni fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba mija u erba u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), liema danni allegatament gew ikkawzati mill-istess socjetajiet konvenuti minhabba negligenza da parti taghhom meta ezegwew is-*services* fil-karozza tal-marka Alfa Romeo156, proprjeta' tal-attur.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti, fejn gie eccepit illi s-socjeta' UCIM Co. Limited ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, t-Tribunal jidhirlu li se mai, l-eccezzjoni kellha tkun fis-sens illi s-socjeta' konvenuta l-ohra, Pater Holdings Company Limited, ma hijiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici, u dana kif donnu anki gie indikat fin-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti. Jidher ghalhekk illi l-konvenuti erronjament indikaw lis-socjeta' UCIM Co Limited fl-ewwel eccezzjoni taghhom, minnflok is-socjeta' Pater Holdings Company Limited, izda qatt ma ntalbet korrezzjoni f'dan is-sens, u t-Tribunal bilfors irid jimxi ma dak li hemm indikat fl-eccezzjoni.

Peress li jirrizulta minn diversi dokumenti li gew esebiti, u partikolarment id-dokumenti 'MS11' u 'MS12', illi s-socjeta' konvenuta UCIM Co. Limited hija l-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici, din l-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi fil-mertu, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, jidher li d-danni li sofra l-attur fil-karozza tieghu, huma konnessi direttament ma problemi taz-zejt fl-istess karozza. Skond l-attur, huwa dejjem ha l-karozza tieghu ghas-*service* meta kien hemm bzonn, skond il-*manual* tal-karozza, u kien proprju minhabba l-fatt illi din ma gietx *serviced* kif suppost, illi l-magna gralha dak li gralha, u cioe issizjat f'Lulju tas-sena 2006. Sabiex issewwiet il-magna, l-attur kellu jhallas 'l fuq minn elf u hames mitt lira Maltin.

Illi huwa car li l-karozza dahlet ghal diversi *services* bejn is-snin 2005 u 2006, u dan jidher mid-diversi *job cards* li gew esebiti, u mix-xhieda kemm tal-attur kif ukoll ta' Arthur Naudi Manche, prodott mis-socjetatjiet konvenuti. Skond l-attur, il-problemi bdew in segwitu tas-*service* datat 13 ta' Gunju 2005, meta l-karozza kellha tidhol sabiex jinbidel il-*oil filter*, iz-zejt u lis-*switch* tal-*oil pressure*.

Jidher car mill-*job card* esebit, illi fit-13 ta' Gunju 2005 kienu fil-fatt inbiddlu iz-zejt, l-*oil filter*, u lis-*switch* tal-*oil pressure*, u x-xhud Arthur Naudi Manche ikkonferma fix-xhieda tieghu li dawn ix-xogholijiet gew ezegwiti. It-Tribunal jara li m'ghandu l-ebda raguni li jiddubita illi dawn ix-xogholijiet fil-fatt saru. Di piu, l-attur bl-ebda mod ma rnexxilu jipprova li dawn ix-xogholijiet indikati fil-*job card* ma sarux jew li saru hazin.

Illi fil-fatt minn ezami dettaljat tal-provi kollha prodotti f'din il-kawza, t-Tribunal assolutament ma jara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jiddubita li x-xogholijiet indikati fil-*job cards* ma sarux jew li saru hazin, u lanqas ma jara xi raguni ghalfejn ghandu jaqbel mal-attur illi d-danni b'xi mod gew ikkawzati mill-konvenuti, li wara kollox jidru li dejjem ezegwew ix-xogholijiet necessarji fuq il-vettura tal-attur, u ma jidhirx li kien hemm xi traskuragni jew negligenza da parti taghhom.

L-istess pero ma jistax jinghad ghall-attur, li alavolja kellu mnizzel car fil-*manual* tal-karozza tieghu li kellu jbiddel iz-zejt kull ghoxrin elf kilometru (jew kull tnax il-elf mil),

naqas li jaghmel hekk regolarment. Fil-fatt, bejn l-ewwel *service* li sar fit-3 ta' Settembru 1998 u tieni *service* li sar fil-31 ta' Mejju 2001, il-*mileage* kien qabez sew dak rakomandat, u ghalhekk it-Tribunal jista' biss jikkonkludi li t-traskuragni se mai kienet da parti tal-attur u li l-problema taz-zejt fil-karozza bdiet proprju minn dakinhar illi l-attur ma dahhalx il-karozza tieghu meta suppost sabiex jinbidel iz-zejt. L-attur rega naqas li jdahhal il-karozza tieghu ghal *service* kif suppost bejn is-snin 2002 u 2004, meta l-*mileage* rega kien ferm oghla minn dak rakomandat sabiex wiehed ibiddel iz-zejt.

It-Tribunal josserva li saret enfasi kbira fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur li huwa kien qieghed jiehu l-karozza tieghu ghand terzi sabiex isir is-*service* f'dawn iz-zewg perjodi fuq imsemmija. Madanakollu, l-attur ma semma xejn min dan kollu fix-xhieda tieghu, u lanqas ma gab xi prova f'dan ir-rigward. It-Tribunal jidhirlu li n-nota ta' sottomissjonijet m'hijiex qeghda hemm sabiex tintroduci provi godda li qatt ma ttellghu waqt l-istadju tal-gbir tal-provi, jew inkella sabiex tipprova taghti sahha lill-fatti li jkunu fjakki hafna.

Illi finalment, fuq il-*job card* tas-*service* tal-15 ta' Novembru 2004, l-attur gie mwissu b'notament li huwa kellu joqoghod attent ghaz-zejt u li dan kellu jinbidel regolarment. L-attur pero ghazel li jezebixxi l-*job cards* tal-2005 'l quddiem, ghaliex probabbilment ma kienx jaqbillu juri li kien gja gie mwissi bil-problema li kienet qed tinholoq. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma l-allegazzjoni ta' l-attur li l-problemi bdew minn Gunju tal-2005, u jidhirlu li wiehed irid bilfors jara l-*history* tal-karozza mill-bidu sa l-ahhar sabiex ikollu stampa cara ta' dak li gara u ma garax.

Mix-xhieda dettaljata moghtija minn Arthur Naudi Manche, dwar kull *service* li saret fuq il-vettura tal-attur, it-Tribunal jidhirlu li x-xoghol dejjem gie ezegwit kif suppost, u ma hemm xejn x'jindika li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-konvenuti. Ghalhekk ma hemm xejn x'jindika li d-danni kkawzati fil-vettura tal-attur gew fil-fatt ikkawzat mis-socjetajiet konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

i. jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti;

ii. jilqa it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti u konsegwentement jichad it-talba attrici.

iii. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------